**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Rikors Nru : 178/15 AL

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-kontendenti izzewgu fit-tmienja ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u disgha u tmenin (8.9.1989) u liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, hekk skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A u minn liema zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, illi twieldu fit-sitta ta' Lulju elf disa' mija u wiehed u disghin (6.7.1991) u fit-tmienja ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (8.1.1993);

Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon tal-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (21.12.2007) hekk skont il-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok B;

Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata mis-sitta ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (6.12.2003) u ghalhekk ir-rikorrent huwa intitolat sabiex japplika ghad-divorzju;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-intimata;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab ghar-ragunijiet premessi sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan jigi irregistrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Mejju, 2015;

Rat illi l-intimata ma ipprezentatx risposta, izda irrimettiet ruhha ghas-sentenza illi eventwalment taghti din il-Qorti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Dicembru 2007;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.